SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

15 ta' Lulju 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2006/123/KE – Il-punt 6 tal-Artikolu 14 – Libertà ta' stabbiliment – Liċenzja ta' operat kummerċjali maħruġa minn awtorità kollegġjali – Awtorità komposta b'mod partikolari minn personalitajiet ikkwalifikati li jirrappreżentaw il-qafas ekonomiku – Personalitajiet li jistgħu jikkostitwixxu jew jirrappreżentaw operaturi kompetituri tal-applikant għal liċenzja – Projbizzjoni"

Fil-Kawża C-325/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Lulju 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Lulju 2020, fil-proċedura

BEMH,

Conseil national des centres commerciaux (CNCC)

vs

Premier ministre,

Ministère de l'Économie, des Finances et de la Relance,

Ministre de la cohésion des territoires et des relations avec les collectivités territoriales,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta (Relatriċi), Viċi Presidenta tal-Qorti tal-Ġustizzja, u C. Toader, Imħallef,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Conseil national des centres commerciaux (CNCC), minn E. Piwnica, avocat,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

– għall-Gvern Franċiż, minn E. de Moustier u N. Vincent, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, J. Vláčil u T. Machovičová, bħala aġenti,

– għall-Gvern Olandiż, minn M. K. Bulterman u P. Huurnink, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Armati, C. Vrignon u L. Malferrari, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tliet proċeduri mressqa minn BEMH u mill-Conseil national des centres commerciale (CNCC), dwar, b'mod partikolari, il-legalità tad-Digriet Nru 2019-331 tas-17 ta' April 2019 dwar il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-kummissjonijiet dipartimentali tal-iżvilupp kummerċjali u l-applikazzjonijiet għal liċenzja ta' operat kummerċjali (JORF tat-18 ta' April 2019, test Nru 11).

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123 jipprovdi:

"L-Istati Membri m'għandhomx jissuġġettaw l-aċċess għal, jew l-eżerċizzju ta', attività ta' servizz fit-territorju tagħhom għal konformità ma' xi waħda minn dawn li ġejjin:

[…]

6) l-involviment dirett jew indirett ta' l-operaturi li jikkompetu, inkluż fi ħdan korpi konsultattivi, fl-għoti ta' awtorizzazzjonijiet jew fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet oħrajn ta' l-awtoritajiet kompetenti, ħlief għall-korpi u assoċjazzjonijiet professjonali jew organizzazzjonijiet oħrajn li jaġixxu bħall-awtorità kompetenti; din il-projbizzjoni ma għandhiex tikkonċerna l-konsultazzjoni ta' organi, bħal kmamar tal-kummerċ jew imsieħba soċjali, dwar kwistjonijiet għajr applikazzjonijiet individwali għal awtorizzazzjoni, jew konsultazzjoni tal-pubbliku in ġenerali".

4 Skont l-Artikolu 15(3) ta' din id-direttiva:

"L-Istati Membri għandhom jivverifikaw li r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) non-diskriminazzjoni: ir-rekwiżiti m'għandhomx ikunu diskriminatorji la direttament lanqas indirettament skond in-nazzjonalità jew, fir-rigward ta' kumpanniji, skond il-post ta' l-uffiċċju rreġistrat;

(b) bżonn: ir-rekwiżiti għandhom ikunu ġġustifikati b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku;

(ċ) proporzjonalità: ir-rekwiżiti għandhom ikunu adatti biex jiżguraw li jintlaħaq l-objettiv mixtieq; m'għandhomx imorru lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv; u ma għandux ikun possibbli li dawk ir-rekwiżiti jiġu sostitwiti minn miżuri oħrajn, anqas restrittivi li jwasslu għall-istess riżultat."

5 Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 16(1) tal-imsemmija direttiva:

"L-Istati Membri m'għandhomx jagħmlu l-aċċess għal jew l-eżerċizzju ta' attività ta' servizz fit-territorju tagħhom soġġett għal konformità ma' xi rekwiżit li ma jirrispettax il-prinċipji li ġejjin:

(a) non-diskriminazzjoni: ir-rekwiżit m'għandux ikun diskriminatorju la direttament lanqas indirettament fir-rigward tan-nazzjonalità jew, f'każ ta' persuni ġuridiċi, fir-rigward ta' l-Istat Membru fejn huma stabbiliti;

(b) bżonn: il-bżonn għandu jkun ġusitifikat għal raġunijiet tal-politika pubblika [ordni pubbliku], is-sigurtà pubblika, is-saħħa pubblika jew il-protezzjoni ta' l-ambjent;

(ċ) proporzjonalità: ir-rekwiżit għandu jkun adatt biex jikseb l-objettivi mfittxa, u m'għandux imur lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dan l-objettiv."

Id-dritt Franċiż

6 Skont l-Artikolu L. 710-1 tal-Kodiċi tal-Kummerċ:

"L-istabbilimenti tan-netwerk tal-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija għandhom, fil-kapaċità tagħhom bħala korp intermedjarju tal-Istat, funzjoni ta' rappreżentazzjoni tal-interessi tal-industrija, tal-kummerċ u tas-servizzi fi ħdan awtoritajiet pubbliċi jew awtoritajiet barranin […]"

7 Fi kliem l-Artikolu L. 751-1 ta' dan il-kodiċi:

"Kummissjoni dipartimentali tal-iżvilupp kummerċjali għandha tiddeċiedi l-applikazzjonijiet għal liċenzja mressqa quddiemha skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli L. 752-1, L. 752-3 u L. 752-15."

8 Id-digriet tas-17 ta' April 2019 ġie adottat, b'mod partikolari, għall-applikazzjoni tal-Artikolu L. 751-2 tal-imsemmi kodiċi, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mill-emendi introdotti bil-Liġi Nru 2018-1021 tat-23 ta' Novembru 2018 dwar l-iżvilupp tal-akkomodazzjoni, tal-iżvilupp u tal-ekonomija diġitali (JORF tal-24 ta' Novembru 2018, test Nru 1) (imsejħa "Liġi ELAN").

9 L-imsemmi Artikolu L. 751-2 jipprovdi li l-commission départementale d'aménagement commercial (il-Kummissjoni Dipartimentali tal-Iżvilupp Kummerċjali, iktar 'il quddiem iċ-CDAC) hija komposta, b'mod partikolari kif ġej:

"II. Fid-dipartimenti minbarra Pariġi […]

3° Minn tliet personalitajiet ikkwalifikati li jirrappreżentaw il-qafas ekonomiku: waħda nnominata mill-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija, waħda nnominata mill-Kamra tas-Snajja' u tal-Artiġġjanat u waħda nnominata mill-Kamra tal-Agrikoltura.

[…]

Il-Kummissjoni għandha tisma' kull persuna li tista' tiċċara d-deċiżjoni jew l-opinjoni tagħha. Mingħajr ma jieħdu sehem fil-votazzjoni, il-personalitajiet innominati mill-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija u mill-Kamra tas-Snajja' u tal-Artiġġjanat għandhom jippreżentaw is-sitwazzjoni tal-qafas ekonomiku fiż-żona kummerċjali rilevanti u l-impatt tal-proġett fuq dan il-qafas ekonomiku. […]

III.- F'Pariġi, […]

3° Minn żewġ personalitajiet ikkwalifikati li jirrappreżentaw il-qafas ekonomiku: waħda nnominata mill-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija u waħda nnominata mill-Kamra tas-Snajja' u tal-Artiġġjanat.

Sabiex tiċċara d-deċiżjoni jew l-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tisma' lil kull persuna li l-opinjoni tagħha tkun ta' interess. Mingħajr ma jieħdu sehem fil-votazzjoni, il-personalitajiet ikkwalifikati nnominati mill-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija u mill-Kamra tas-Snajja' u tal-Artiġġjanat għandhom jippreżentaw is-sitwazzjoni tal-qafas ekonomiku fiż-żona kummerċjali rilevanti u l-impatt tal-proġett fuq dan il-qafas ekonomiku."

10 L-Artikolu L. 752-1 tal-istess kodiċi jelenka l-proġetti li għalihom hija meħtieġa liċenzja ta' operat kummerċjali. Fost dawn il-proġetti, il-punt 1 ta' din id-dispożizzjoni jipprovdi "[i]l-ħolqien ta' ħanut ta' bejgħ bl-imnut b'superfiċi ta' żona tal-bejgħ ta' iktar minn 1 000 metru kwadru, li jirriżulta minn kostruzzjoni ġdida jew minn trasformazzjoni ta' immobbli eżistenti".

11 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu L. 5-1 tal-Kodiċi tal-Artiġġjanat:

"In-netwerk tal-kmamar tas-snajja' u tal-artiġġjanat għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tal-impriżi rreġistrati fir-reġistru tal-prattikanti ta' sengħa jew ta' artiġġjanat kif ukoll għall-iżvilupp tat-territorji, billi jwettaq favur atturi ekonomiċi u bi sħubija mal-istrutturi eżistenti kull missjoni ta' interess ġenerali favur is-settur tal-artiġġjanat. […]"

Il-fatti tal-kawża u d-domanda preliminari

12 Iċ-CDAC huma awtoritajiet kollegġjali li jiddeċiedu, b'mod partikolari, dwar l-applikazzjonijiet għal liċenzja ta' operat kummerċjali relatati mal-proġetti ta' ħolqien jew ta' estensjoni ta' ħwienet tal-kummerċ bl-imnut, jew ta' gruppi kummerċjali, b'superfiċi taż-żona tal-bejgħ tagħhom ta' iktar minn 1 000 m^2.

13 Fil-kuntest tar-rikorsi tagħhom fil-kawża prinċipali, BEMH, li huwa uffiċċju ta' studji speċjalizzat fl-urbaniżmu kummerċjali, u ċ-CNCC jikkunsidraw li d-dispożizzjonijiet tad-dritt Franċiż li jistabbilixxu l-kompożizzjoni taċ-CDAC huma inkompatibbli mal-Artikolu 49 TFUE kif ukoll mal-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123.

14 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, skont l-Artikolu L. 751-2 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, iċ-CDAC huma komposti, b'mod partikolari, minn personalitajiet ikkwalifikati li jirrappreżentaw il-qafas ekonomiku, innominati mill-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija, il-Kamra tas-Snajja' tal-Artiġġjanat u kif ukoll il-Kamra tal-Agrikoltura. Tali kompożizzjoni hija inkompatibbli mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123, sa fejn din id-dispożizzjoni tal-aħħar tipprovdi li l-Istati Membri ma jistgħux jissuġġettaw l-aċċess għal attività ta' servizzi jew l-eżerċizzju tagħha għall-intervent, dirett jew indirett, ta' operaturi kompetituri fl-għoti ta' liċenzji.

15 Il-Qorti tar-rinviju tippreċiża li, skont l-Artikolu L. 751-2 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, dawn il-personalitajiet sempliċement "jippreżentaw" is-sitwazzjoni tal-qafas ekonomiku fiż-żona kummerċjali rilevanti u l-impatt tal-proġett ikkonċernat fuq dan il-qafas ekonomiku, mingħajr ma jieħdu sehem fil-votazzjoni fuq l-applikazzjoni għal liċenzja.

16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-[punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123] għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti l-preżenza, fi ħdan korp kollegġjali kompetenti biex jadotta opinjoni dwar liċenzja ta' operat kummerċjali, ta' persuna kkwalifikata li tirrappreżenta l-qafas ekonomiku, li r-rwol tagħha jkun limitat biex tippreżenta s-sitwazzjoni tal-qafas ekonomiku fiż-żona kummerċjali rilevanti u l-impatt tal-proġett fuq dan il-qafas ekonomiku, mingħajr ma tipparteċipa fil-vot dwar l-applikazzjoni għal liċenzja?"

Fuq id-domanda preliminari

17 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-preżenza, fi ħdan awtorità kollegġjali kompetenti sabiex joħroġ opinjoni dwar l-għoti ta' liċenzja ta' operat kummerċjali, ta' personalitajiet ikkwalifikati li jirrappreżentaw il-qafas ekonomiku taż-żona kummerċjali rilevanti, li ma jieħdux sehem fil-votazzjoni fuq l-applikazzjoni għal liċenzja u sempliċement jippreżentaw is-sitwazzjoni ta' dan il-qafas ekonomiku u l-impatt tal-proġett ikkonċernat fuqu.

18 Sabiex tingħata risposta għad-domanda preliminari, il-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123 għandu jiġi interpretat billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem ta' din id-dispożizzjoni, iżda wkoll il-kuntest li fih l-imsemmija dispożizzjoni taqa' u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, Jobcenter Krefeld, C-181/19, EU:C:2020:794, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 Mill-kliem tal-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123 jirriżulta li l-Istati Membri ma għandhomx jissuġġettaw l-aċċess għal attività ta' servizzi jew l-eżerċizzju tagħha fit-territorju tagħhom għall-intervent dirett jew indirett ta' operaturi kompetituri, inkluż fi ħdan korpi

konsultattivi, fl-għoti ta' liċenzji jew fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet oħra tal-awtoritajiet kompetenti. Din id-dispożizzjoni tipprevedi żewġ eċċezzjonijiet jiġifieri, minn naħa, l-intervent ta' ordnijiet u ta' assoċjazzjonijiet professjonali jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu bħala awtorità kompetenti u, min-naħa l-oħra, il-konsultazzjoni ta' organi bħall-kmamar tal-kummerċ. Madankollu, din l-eċċezzjoni tal-aħħar ma tapplikax fil-każijiet fejn dawn l-organi jintervjenu fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjonijiet għal liċenzja individwali.

20 Għalhekk, mill-kliem tal-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123 jirriżulta li l-projbizzjoni prevista fih hija fformulata b'mod wiesa' u tista' tinkludi kull intervent, minbarra l-ordnijiet u l-assoċjazzjonijiet professjonali jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu bħala awtorità kompetenti, kemm dirett kif ukoll indirett, inkluż fi ħdan korpi konsultattivi, minn operaturi kompetituri tal-applikant għal liċenzja ta' operat kummerċjali, meta tkun kwistjoni ta' għoti ta' tali liċenzja.

21 Fir-rigward tal-kuntest tal-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2006/123, dwar il-kompatibbiltà, mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE li jistabbilixxu l-libertà ta' stabbiliment, ta' leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jipprevedu l-preżenza ta' kompetituri tal-applikant għal liċenzja ta' operat kummerċjali fi ħdan korpi kollegġjali kompetenti sabiex joħorġu tali liċenzja.

22 Għalhekk, fil-punt 39 tas-sentenza tal-15 ta' Jannar 2002, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-439/99, EU:C:2002:14), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dispożizzjonijiet tad-dritt Taljan li jissuġġettaw l-organizzazzjoni tal-fieri għall-intervent, anki jekk biss b'mod konsultattiv, ta' organi komposti minn operaturi li jeżerċitaw din l-attività, diġà preżenti fit-territorju kkonċernat jew rappreżentattivi ta' dawn l-operaturi, għall-finijiet tar-rikonoxximent u tal-approvazzjoni tal-entità organizzatriċi, kienu jikkostitwixxu restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment jew għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

23 Barra minn hekk, fis-sentenza tal-24 ta' Marzu 2011, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-400/08, EU:C:2011:172, punti 110 u 111), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kuntest tal-eżami ta' possibbiltà ta' ġustifikazzjoni tal-ksur tal-libertà ta' stabbiliment imwettaq mil-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata, li l-istabbiliment ta' kummissjoni, komposta b'mod partikolari minn rappreżentanti tas-settur kummerċjali, bil-kompitu li tistabbilixxi rapport qabel ma tiġi adottata deċiżjoni li tinħareġ jew li tiġi rrifjutata liċenzja, ma kienx ta' natura li jilħaq l-għanijiet tal-ippjanar tajjeb tat-territorju, tal-protezzjoni tal-ambjent u tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Fil-fatt, l-uniku interess settorjali rrappreżentat f'din il-kummissjoni kien dak tal-kummerċ lokali li kien jeżisti qabel u, konsegwentement, tal-kompetituri potenzjali tal-applikant għal liċenzja ta' operat kummerċjali.

24 F'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123 fid-dawl tal-għanijiet tagħha, għandu jiġi rrilevat li, skont il-premessa 12 tagħha, din id-direttiva hija intiża sabiex toħloq kuntest ġuridiku sabiex tiżgura l-libertà ta' stabbiliment u l-moviment liberu tas-servizzi bejn l-Istati Membri. Issa, l-influwenza fuq il-proċess deċiżjonali eżerċitata minn kompetituri tal-applikant għal liċenzja ta' operat kummerċjali, anki jekk dawn ma jipparteċipawx fil-votazzjoni fuq l-applikazzjoni għal liċenzja, hija ta' natura li tostakola jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet fundamentali. Fil-fatt, dawn il-kompetituri jistgħu jipprovaw idewmu l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet neċessarji, jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' restrizzjonijiet eċċessivi jew jiksbu informazzjoni importanti fir-rigward tal-kompetizzjoni.

25 B'hekk, mill-interpretazzjoni letterali, kuntestwali u teleoloġika tal-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123 jirriżulta li jaqgħu taħt il-projbizzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni kemm il-kompetituri potenzjali tal-applikant għal liċenzja ta' operat kummerċjali kif ukoll l-operaturi kompetituri ta' dan l-applikant jew ir-rappreżentanti ta' tali kompetituri, li, filwaqt li ma jipparteċipawx direttament fil-votazzjoni fuq l-applikazzjoni għal liċenzja, jagħmlu parti mill-awtorità kollegġjali kompetenti f'dan ir-rigward u, fuq din il-bażi, jipparteċipaw fil-proċess ta' adozzjoni ta' din il-liċenzja.

26 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, b'mod kuntrarju għal dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva 2006/123, ir-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 14 tagħha ma jistgħux jiġu ġġustifikati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015, Rina Services *et*, C-593/13, EU:C:2015:399, punt 28).

27 Fil-fatt, li jiġi ammess li r-"rekwiżiti pprojbiti" skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123 jistgħu jkunu suġġetti għal ġustifikazzjoni skont id-dritt primarju jwassal sabiex din id-dispożizzjoni tiġi mċaħħda minn kull effett utli filwaqt li tiġi ppreġudikati, b'mod definittiv, l-armonizzazzjoni intiża operata minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015, Rina Services *et*, C-593/13, EU:C:2015:399, punt 37).

28 Minn dan isegwi li l-projbizzjoni prevista fil-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123 tipprekludi, b'mod partikolari, li d-deċiżjoni dwar l-għoti tal-liċenzja ta' operat kummerċjali tittieħed wara l-preżentazzjoni, imwettqa mill-personalitajiet ikkwalifikati li jirrappreżentaw il-qafas ekonomiku fiż-żona kummerċjali rilevanti, tas-sitwazzjoni ta' dan il-qafas ekonomiku kif ukoll tal-impatt tal-proġett ikkonċernat fuq dan tal-aħħar.

29 B'mod partikolari, sa fejn dawn il-personalitajiet jistgħu jkunu involuti, tal-inqas indirettament, fil-proċedura tal-għoti ta' liċenzja ta' operat kummerċjali, l-attività tagħhom tista' tiġi kklassifikata bħala intervent "fl-għoti ta' liċenzja", fis-sens tal-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123.

30 Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat li personalitajiet ikkwalifikati li jirrappreżentaw il-qafas ekonomiku taż-żona kummerċjali rilevanti jistgħu jirriflettu, b'mod partikolari, l-espressjoni tal-interessi tal-kompetituri attwali jew potenzjali tal-applikant għal liċenzja ta' operat kummerċjali, sa fejn dawn jipparteċipaw fin-nomina ta' dawn il-personalitajiet, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher li dawn il-personalitajiet jistgħu jikkostitwixxu, minn tal-inqas, rappreżentanti tal-kompetituri attwali jew potenzjali tal-applikant għal liċenzja ta' operat kummerċjali u, konsegwentement, li r-rwol mogħti lilhom fil-proċedura tal-għoti ta' liċenzja jista' jaqa' taħt il-kunċett ta' "intervent dirett jew indirett ta' operaturi kompetituri", fis-sens tal-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123.

32 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-preżenza, fi ħdan awtorità kollegġjali kompetenti sabiex toħroġ avviż dwar l-għoti ta' liċenzja għal operat kummerċjali, ta' personalitajiet ikkwalifikati li jirrappreżentaw il-qafas ekonomiku taż-żona kummerċjali rilevanti, u dan anki jekk dawn il-personalitajiet ma jiħdux sehem fil-votazzjoni fuq l-applikazzjoni għal

liċenzja u sempliċement jippreżentaw is-sitwazzjoni ta' dan il-qafas ekonomiku u l-impatt tal-proġett ikkonċernat fuqu, sa fejn il-kompetituri attwali jew potenzjali tal-applikant jipparteċipaw fin-nomina tal-imsemmija personalitajiet.

Fuq l-ispejjeż

33 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Il-punt 6 tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-preżenza, fi ħdan awtorità kollegġjali kompetenti sabiex toħroġ avviż dwar l-għoti ta' liċenzja għal operat kummerċjali, ta' personalitajiet ikkwalifikati li jirrappreżentaw il-qafas ekonomiku taż-żona kummerċjali rilevanti, u dan anki jekk dawn il-personalitajiet ma jiħdux sehem fil-votazzjoni fuq l-applikazzjoni għal liċenzja u sempliċement jippreżentaw is-sitwazzjoni ta' dan il-qafas ekonomiku u l-impatt tal-proġett ikkonċernat fuqu, sa fejn il-kompetituri attwali jew potenzjali tal-applikant jipparteċipaw fin-nomina tal-imsemmija personalitajiet.

Firem